MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 392/2012

Appell Nru: 392/2012
Il-Pulizija
[Spettur Pierre Grech]
[Spettur Johann J. Fenech]
Vs
Dumbaya Almani

Illum, 31 ta' Jannar, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Dumbaya Almani detentur tal-karta ta' l-identita 36757A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Nhar it-2 ta' Novembru, 2008, u matul it-tliet gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

1. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta, sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

2. U aktar talli ttenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat;

3. U aktar talli gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita' jew setgha, inkella li jkun ta struzzjonijiet biex isir id-delitt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-24 ta' Lulju, 2012 fejn il-Qorti m'ghandha ebda dubbju dwar l-involviment ta' Almani f'din l-istorja, ghaldaqstant sabithu hati ta' l-istess, wara li rat l-Artikoli 22(1)(f), 22(5), 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat l-ammnoti nvoluti, ikkonsidrat il-ftehim li sar ghan-negozju in ezami, u ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba'(4) snin u ghal multa ta' tmint elef Ewro(€8,000)

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €1,846.67.

Rat ir-rikors tal-appellant Dumbaya Almami pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Lulju, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Lulju, 2012 u filwaqt li tehles lill-esponent minn kull htija tilliberah minn kull htija u piena u fin-nuqqas li taghti sentenza li tkun aktar taghmel ghal kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju tal-appellant li in succint huwa is-segwenti :

1. Illi filwaqt li meta bdiet il-kumpilazzjoni f'dan il-kaz l-Avukat Generali kien ghamel ordni biex il-kaz eventwalment jintema` quddiem u jigi deciz mill-Qorti Kriminali, wara li l-Prosekuzjoni ghalqet ix-xhieda taghha l-Avukat Generali ghamel kontro-ordni biex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali (fol 285 tal-process). Madankollu f'dan il-kaz ma giex segwit dak li jiddisponi l-artikolu 31 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta billi meta l-Avukat Generali ghamel il-Kontro-Ordni ma giex mitlub, u ghalhekk ma giex moghti, l-kunsens tal-esponent.

2. Illi l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijeit taghha biex setghet tassal ghal konkluzjoni ta' sejbien ta' htija, ghamlet uzu minn stqarrijiet ta' xhieda li ghalkemm guramentati minn ghamilhom dawk li ghamluhom ma xehdux fil-kawza fl-ismijiet premessi. Dan imur kontra l-ligi u kontra kull regola tal-fair-trial peress li l-esponenti mhux biss ma setax jaghmel il-kontroezami lill dawn il-persuni izda talli wkoll gie sorpriz b'dikjarazzjonijiet ta' persuni li dwarhom ma kkummentax waqt id-difiza teighu u dan ghax ma kellux ghalfejn jikkummenta fuq stqarrijiet ta' persuni li ma xehdux fil-kawza.

3. Illi ghalkemm l-akkuzi kontra l-akkuzat huma tlieta fin-numru, apparti l-fatt li fil-kaz tat-tieni u tat-tielet akkuza hu difficli ghal min jaqrahom li jaghmel sens minnhom, l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma qalitx ta' xiex ezattament l-esponent kien gie misjub hati ghalkemm mill-fatt li fis-sentenza ssemmew l-artikoli 22(1)(f) u 22(5) tal-Kap 101 jidher li l-esponent gie misjub hati tal-ewwel akkuza u tal-ewwel parti mit-tieni akkuza (tentattiv ta' reat kontra l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi) u dan anke jekk war dan it-tieni rat ma saret l-ebda referenza ghall-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali – Fuq it-tentattiv ta' reat. Madankollu, fis-sentenza appellat ma saret l-ebda referenza dwar it-tieni parti tat-tieni akkuza u dwar it-tielet akuza li l-Ewwel Qorti halliethom fl-ajru. Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll illi s-sentenza appellata kellha wkoll tispecifika li l-esponent ma kienx gie misjub hati tat-tieni parti tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza u ghalhekk kellu minnhom jigi liberat.

4. Illi fi kwalsiasi kaz, fil-kaz l-ewwel akkuza taht it-tieni akkuza, ma gie specifikat l-ebda reat specifiku taht l-Ordinanza (Kap 101) li dwaru l-prosekuzjoni allegat li dwaru sar tentattiv.

5. Illi ghalkemm jidher li l-esponent ma giex misjub hati tar-reat ta' komplicita, fi kwalisiasi kaz, anke fil-kaz ta' dan ir-reat addebitat, dan ir-reat ma jistax ireggi wahdu peress li l-artiklu 42 tal-Kodici Kriminali – Fuq il-Komplici – hu reat

generiku li biex jissussiti irid ikun abbinat ma reat partikolari.

6. Illi minn dak li hemm miktub fil-parti tad-decide tas-sentenza jidher li l-esponent gie misjub hati tal-ewwel akkuza u, peress li m'hemm l-ebda reat iehor specifikat, fl-istess waqt tat-tentattiv taghha (tal-assocjazzjoni) wkoll. Apparti li wiehed ma jistax fl-istess waqt jinstab hati tad-delitt ikkunsmat u tat-tentattiv tieghu, hu ferm dubbjuz fil-ligi jekk id-delitt t'assoccjazzjoni taht il-Kap 101 jisktax ikun l-oggett ta' tentattiv u dan peress li fir-rigward tal-element tal-ftehim dwar il-mezzi jew ikun sar ftehim jew ma jkunx sar. Hu difficli fid-dottrina li wiehed jasal ghal konkluzjoni li persuna tista` tinstab hatja li ttentat taghmel ftahim.

7. Illi dan kollu juri certa leggerezza fil-mod kif is-sentenza giet redatta u fl-istess waqt taghmel l-istess sentenza mhix wahda safe and sound for a conviction.

8. Illi l-istess jista` jinghad ghad-decizjoni tas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel akkuza ghas-segwenti ragunijiet :

a. Illi l-prosekuzjoni ma ppruvat sal-grad li tesigi l-ligi d-delitt taht l-ewwel akkuza.

b. Illi ma saret l-ebda prova mill-prosekuzjoni dwar il-ftehim li qed tallega li sar bejn l-esponent u xi haddiehor u dan la permezz ta' provi diretti u lanqas permezz ta' provi indiretti.

c. Illi mill-provi johrog car li fil-provi m'hemmx prova dirett dwar ir-reita' da parti tal-esponent.

d. Illi bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, jidher manifestament car li fl-apprezzament taghha tal-provi, apparti mill-fatt li din ghamelt uzu minn provi li qatt ma setghet u ghalhekk qatt ma kellha taghmel uzu minnhom, din ma mxietx mar-regoli tal-lgii dwar provi indizjarji.

e. Illi fil-fatt ma hemm l-ebda prova minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-esponent seta jigi misjub hati tad-delitt t'assocjazzjoni mibjub fl-ewwel akkuza jew ta' xi akkuza ohra taht il-Kap 101

f. Illi minn analizi korretta u kompleta tal-provi skond kif tiddisponi l-ligi wiehed ghandu jasal ghal konkluzjoni li almenu fuq bazi ta' probabilita', f' dan il-kaz prova minghajr dubbju dettat mir-raguni u cioe` konvinciment morali dwar htija m'hemmx.

9. Illi fi kwalunkwe kaz u sussidjarjament, il-piena inflitta fuqu ghal tali partecipazzjoni fid-delitt ta' assocjazzjoni hi wahda gravuza ferm fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.
10. Inoltre, l-ewwel Qorti kkundannat lill esponent ghall-ispejjez kollha maghmula fil-proceduri kontra tieghu li fil-fatt huma l-istess spejjez inkorsi fi proceduri kontra diversi persuni ohra konnessi mal-istess sustanzi perikoluzi u li l-kaz taghhom jew diga gie deciz jew ghadu pendenti.
Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-Sibt, l-ewwel (1) ta' Novembru tal-elfejn u tmienja (2008), filghaxija, l-appellant akkompanja lil certa Zeba Moussa fil-karozza tieghu lejn Paceville. Waslu hemmhekk u Mussa cempel lil xi hadd minn fuq il-mobile phone tieghu. Mussa tkellem bl-Ingliz izda l-appellant ma kienx jaf x'diskors intqal. Wara din it-telefonata Mussa ddecieda li jitlaq 'il hemm u wassal lill-appellant il-Marsa minn fejn kien gabru. L-ghada l-Hadd, tnejn (2) ta' Novembru tal-elfejn u tmienja (2008), l-istes Mussa ghadda ghall-appellant il-Marsa, filghodu, u qallu biex imur mieghu f'Paceville. Meta waslu Paceville Mussa cempel lil xi hadd u sar ftehim biex Mussa jistenna lil dak illi lilu kien cempel. Wara xi ftit Mussa u l-appellant marru jieklu pizza. Meta hargu Mussa qal lill-appellant illi kellu jiltaqa' ma' bniedem hdejn ir-roundabout aktar 'il isfel. Ghalhekk Mussa telaq lejn il-karozza tieghu u l-appellant mar hdejn ir-roundabout bil-mixi. Meta l-appellant wasal magenb ir-roundabout fejn hemm il-bus stop kien hemm persuna ta' karnaggjon iswed, li wara rrizulta li kien Jose` Buis illi kien qieghed jghin lill-pulizija f'konsenja kontrollata. Fuq struzzjonijiet ta' Mussa l-appellant qal Buis biex jimxi warajh u cioé magenb il-karozza ta' Mussa li sadanittant kien wasal bil-karozza tieghu u pparkja aktar 'il isfel mill-bus stop. Meta l-appellant u Buis waslu magenb il-karozza ta' Mussa, l-istess Mussa qal lill-appellant biex jghid lil Buis ma jidholx fil-karozza ghax inkella jgiblu l-pulizija. dan id-diskors sar bl-Ingliz. Ghalhekk Mussa ma dahalx fil-karozza. L-appellant dahal fil-karozza ta' Mussa u Mussa saq 'il hemm. Meta waslu vicin ir-roundabout ta' Sliema Road, il-Kappara, li huwa

huwa maghruf bhala “tat-tank tal-gass”, gew intercettati mill-pulizija li arrestawhom.

Din il-vicenda giet osservata l-hin kollu mill-pulizija illi raw lill-appellant javvicina lil Buis li kien qieghed jistenna vicin ir-roundabout b’basket abjad f’idejh, Buis jakkompanja lill-appellant vicin il-karozza ta’ Mussa, l-appellant ikellem lil Buis illi jitlaq ‘il hemm u kemm l-appellant u Mussa jsuqu bil-karozza.

L-appellant ma jinnegax dawn il-fatti. Jghid biss però illi huwa mhuwiex involut fid-droga, m’ghandu x’jaqsam xejn u li mar hdejn Buis sempliciment fuq istruzzjonijiet ta’ Mussa u xejn aktar. Hemm diskrepanza però bejn dak illi ezattament ghadda bejn l-appellant u Buis. Filwaqt illi l-appellant u Mussa jghidu illi lil Buis qalulu biex jitlaq ‘il hemm ghax inkella jgibulu l-pulizija, Buis jghid illi l-appellant qallu biex jitlaq ‘il hemm ghax hemm il-pulizija warajh.

L-ewwel Qorti, fuq dawn il-provi, waslet ghall-konkluzjoni li ma kellha l-ebda dubbju dwar l-involviment tal-appellant f’din il-vicenda u sabitu hati fejn ikkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ erba’ (4) snin u multa ta’ tmint elef ewro (€8,000).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell. L-ewwel aggravju tieghu jikkoncerna punt proceduraIi. Originarjament dan il-kaz kellu jigi deciz quddiem il-Qorti Kriminali izda l-Avukat Generali ghamel kontro ordni sabiex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. L-appellant jghid illi d-dispost tal-artikolu 31 tal-Kap 101 ma giex esegwit peress illi ma giex mitlub il-kunsens tal-appellant biex il-kawza tinstema’ bi procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal tas-sbatax (17) ta’ Novembru tal-elfejn u hdax (2011) [fol 287] fejn hemmhekk hemm registrat illi l-Qorti gabet a konjizzjoni tal-partijiet il-kontro ordni mibghuta minghand l-Avukat

Generali. Fis-sentenza ta' wara hemm imnizzel, "L-imputat jaghti l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji." Fuq dan il-verbal ma hemmx aktar x'jinghad. L-appellant kien jaf illi saret il-kontro ordni u ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza titkompla bi procedura sommarja. Dana huwa skont id-dispost tal-artikolu 31 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

It-tieni aggravju jikkoncerna l-uzu ta' stqarrijiet ta' xhieda li ghalkemm guramentati, min ghamilhom ma xehedux fil-kawza kontra l-appellant. Dan imur kontra l-ligi u kontra kull regola ta' fair trial peress illi l-appellant mhux biss ma setax jaghmel il-kontro ezami ta' dawn il-persuni izda ukoll gie sorpriz b'dikjarazzjonijiet ta' persuni illi dwarhom ma kkummentax waqt id-difiza tieghu u dan ghax ma kellux ghalfejn jikkummenta fuq stqarrijiet ta' persuni li ma xehedux fil-kawza.

Ikkunsidrat:

F'kwistjonijiet ta' droga, stqarrija guramentata quddiem Magistrat hija regolata bl-artikolu 30A tal-Kap 101. Dan l-artikolu jghid: "Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem Magistrat ... tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza ...". Dan il-kliem huwa car u ma jhalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni. U l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha (fol 8) ghamlet uzu minn dawn id-dikjarazzjonijiet guramentati ta' Arias u Mussa fil-konsiderazzjonijiet taghha fil-kawza kontra l-appellant. Irrizulta illi dawn it-tnejn ghazlu li ma jixhdux ghax kien hemm proceduri pendenti kontra taghhom.

L-appellant qieghed jargumenta illi filwaqt illi huwa minnu illi xhieda guramentata tista' tintuza bhala prova li toqghod fuqha, però xorta x-xhud li jkun ghamel dik id-dikjarazzjoni jrid jixhed quddiem il-Qorti biex ikun soggett ghall-kontro ezami u kontrollat mid-Difiza. Fil-kamp kriminali ma jistax ikollok prova illi ma tigix kontrollata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

L-artikolu 30A tal-Kap 101 jistabilixxi l-pricipju illi dikjarazzjoni guramentata skont id-dispost ta' dan l-artikolu tista' tingieb b'prova kontra kull persuna akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza tad-Droga, Kap 101. Però din il-prova, bhal kull prova ohra, f'kamp kriminali tista', u ghandha tkun soggetta, ghall-kontroll kemm mid-Difiza kif ukoll mill-Prosekuzzjoni. Li persuna tiddikjara li hemm procedimenti kriminali pendenti kontra taghha in konnessjoni ma' kaz ma jfissirx illi dik il-persuna ma tistax tixhed. Mhiex ostakolu *a priori* ghax-xhieda ta' dik il-persuna, imma ghandha titla' fuq il-pedana tax-xhud, tiddikjara l-pozizzjoni taghha u tirrifjuta illi twiegeb domandi jekk bir-risposta li taghti sejjer tinkrimina lilha nnifisha. Però ma jfissirx illi ma tistax twiegeb ghal domandi li jikkoncernaw terzi u li fuqhom il-persuna tista' tixhed direttament. Din il-Qorti tinnota sitwazzjoni stramba ghal dak li jirrigwarda x-xhieda ta' Zeba Mussa.

Ikkunsidrat:

Fir-rinviju tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tal-elfejn u disgha (2009) [fol 89], l-Avukat Generali talab illi tinstema' x-xhieda ta' Zeba Mussa fost l-ohrajn. Fil-verbal tas-seduta tal-ewwel (1) ta' April tal-elfejn u disgha (2009) [fol 91], id-Difiza mmexxija mill-PL Noel Bianco ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda tal-volontarjetà u tal-identità tal-istqarrijiet guramentati inkluza dik ta' Zeba Mussa. Fil-verbal tat-tletin (30) ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) [fol 195] l-appellant jidher illi qed ikun assistit minn Dottor Josè Herrera. Hemm registrat "Deher il-PL Bianco ghax-xhud li jmiss, Zeba Mussa, li jiddikjara li l-istess Zeba Mussa mhux se jiddepondi f'dan l-istadju minhabba li ghad ghandu kaz pendenti fil-konfront tieghu." L-osservazzjoni tal-Qorti hija ovvja. L-istess PL illi deher ghad-difiza tal-appellant fis-seduti ta' qabel jidher fis-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) biex icahhal lill-istess appellant mill-possibilità illi jkollu l-kontroll tax-xhieda guramentata ta' Zeba Mussa. Id-Difiza illi dehret ghall-appellant f'dik is-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) ma ghamlet l-

ebda riklam ghal din is-sitwazzjoni ferm stramba u pregudizzjevoli ghad-drittijiet tal-appellant. Il-Qorti mhiex se tikkummenta dwar il-konflitt ta' interess illi kellu l-PL Bianco f'dan l-istadju peress illi din hija xi haga illi jrid jara l-istess PL Bianco mal-klijent tieghu. Aktar tard insibu l-verbal tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) [fol 263] fejn l-avukat Dottor Joseph Mifsud qed jassumi l-patrocinju tal-appellant Almami. Hawnhekk xehed Nelson Arias tramite interpretu. Din id-darba, skont l-interpretu, Arias qal, "le, mhux ser naghti ebda xhieda. Li nixtieq inkun naf li tkun taf li din il-bicca xoghol li qabel ma kellix translator." Fuq din id-dikjarazzjoni l-Qorti ordnat lil Arias jinzel mill-pedana tax-xhud. U l-istess ma sar l-ebda reklam mid-Difiza. F'dawn iz-zewg istanti l-Qorti ssib li l-appellant dejjem kien debitament assistit, veru b'avukati differenti, imma hadd minnhom ma intervjena biex jigbed l-attenzjoni tal-Qorti illi xtaq jaghmel kontro ezami biss ghal dak li jirrigwarda l-operat tal-appellant f'din il-vicenda. Din is-sitwazzjoni allura l-ewwel Qorti kellha kull dritt iddur fuq id-dispost tal-artikolu 30A tal-Kap 101 u tuza d-dikjarazzjonijiet guramentati quddiem Magistrat maghmula minn Arias u Mussa bhala prova kontra l-appellant illi kien akkuzat b'reati kontra din l-imsemmija Ordinanza. B'hekk din il-Qorti qieghda tiddispondi mit-tieni aggravju tal-appellant.

L-aggravji l-ohra jikkoncernaw id-decide u l-meritu.

Ikkunsidrat:

Fid-decide taghha l-ewwel Qorti ddikjarat illi m'ghandha l-ebda dubbju dwar l-involviment ta' Almani f'din l-istorja u ghaldaqstant issibu hati tal-istess u ghaddiet biex timponi l-kundanna. L-appellant kien addebitat bi tlett (3) akkuzi, l-ewwel wahda tal-assocjazzjoni, it-tieni talli ttanta jaghmel reat kontra l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi jew hajjar persuna ohra taghmel dak ir-reat, u t-tielet talli gieghel li jsir delitt permezz ta' rigali, wieghdiet, eccettra. Peress illi l-ewwel Qorti ma qaghditx tispecifika ghal xhiex l-appellant kien qieghed jinstab hati, bid-decitura li uzat ghandha tifhem illi sabitu hati ta' tlett (3) imputazzjonijiet. Dan ifisser illi sabitu hati ta' assocjazzjoni, it-tieni li ttanta

jaghmel reat iehor kontra l-Ordinanza u t-tielet illi gieghel li jsir delitt permezz ta’ rigali, wieghdiet, eccettra.

L-appellant qieghed jilmenta illi jekk l-ewwel Qorti sabitu hati tal-assocjazzjoni, zgur illi ma setghetx issibu hati tal-attentat taghha skont id-dispost tat-tieni akkuza u dana peress illi l-assocjazzjoni ma jipprestax ghall-attentat. Kwindi jekk l-attentat ma jirreferix ghall-assocjazzjoni, allura ta’ xhiex sabitu hati l-ewwel Qorti fit-tieni imputazzjoni? It-tielet addebitu jirrigwarda l-komplicità f’sens generali fl-isfond tal-artikolu 42(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta. Presubilment, kif inhija redatta l-akkuza, dana jirreferi ghall-assocjazzjoni jew inkella xi reat iehor kontra l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju illi l-ewwel u t-tieni akkuzi, imqieghda kif inhuma fl-istess citazzjoni jikkrejaw stat konfuzjonarju. Jekk l-appellant instab hati ta’ assocjazzjoni, ma jistax jinstab hati tal-attentat taghha. Dana il ghaliex l-assocjazzjoni ma tipprestax ruhha ghall-attentat. Jekk allura l-Prosekuzzjoni qed tirreferi ghal xi haga ohra, l-ewwel Qorti messha ddikjarat ta’ xhiex qieghda ssib lill-appellant hati illi ttanta jikkommetta reat iehor. Mid-decide dan ma jirrizultax. U jekk allura l-appellant huwa komplici, dana f’liema reat kien komplici? Ghax jekk instab hati bhala awtur tal-assocjazzjoni, ma jistax ukoll jinstab hati ta’ komplici fl-istess assocjazzjoni. Mela, allura ta’ xhiex kien qed jinstab hati? Fuq dan l-ewwel Qorti ma tghid xejn. F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax twarrab id-dubbju illi hawnhekk saret ingustizzja mal-appellant. U biex twarrab dan id-dubbju tajjeb illi issa tidhol fil-meritu u tikkonsidra l-punti legali in konnessjoni mal-assocjazzjoni fit-traffikat tad-droga.

Fil-kawza fl-ismijiet The Republic of Malta vesus Steven John Caddick and Philip Walker deciza fis-6 ta’ Marzu 2003, il-Qorti elenkat it-tlett elementi necessarji sabiex jissussisti l-element ta’ assocjazzjoni fil-kaz ta’ droga. L-ewwel element huwa jrid ikun hemm ftehim bejn zewg persuni jew aktar, it-tieni li jrid ikun hemm l-intenzjoni illi

tigi negozjata d-droga, u t-tielet ftehim dwar il-modalità tal-pjan ta' azzjoni. Dawn it-tlett elementi jridu jigu ppruvati minghajr dubbju dettat mir-raguni. L-ewwel element jeskludi kategorikament il-possibilità illi jista' jkun hemm attentat fl-assocjazzjoni. U hawnhekk l-appellant ghandu ragun – jew hemm ftehim jew mhemmx. U ma jistax ikun hemm attentat ta' ftehim. Hawnhekk, id-domanda li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju hija: kien hemm ftehim bejn tnejn jew aktar persuni sabiex jimpurtaw id-droga f'Malta? u jekk kien hemm dan il-ftehim, l-appellant kien involut fih?

Ikkunsidrat:

Mill-provi rrizulta illi Buis illi importa d-droga f'Malta kien ftehim ma' mill-anqas persuna ohra sabiex id-droga tingieb Malta u li kellha tigi konsenjata lil xi hadd bl-isem ta' Pako. Meta Buis gie Malta, gie mwaqqaf bi kwantità ta' kokaina. Huwa accetta illi jikkopera mal-pulizija ghal konsenja kontrollata. L-ewwel persuna li ltaqa' maghha f'Malta waqt li kienet qed issir din l-operazzjoni kien l-appellant, li qallu biex jimxi warajh. Hadu hdejn karozza li kienet qed tigi misjuqa minn Mussa li qal lill-appellant jghid lil Buis biex ma jidhollux fil-karozza ghax altrimenti jgib lill-pulizija. Dan id-diskors l-appellant ghaddih lil Buis illi allontana ruhu mill-karozza. Min-naha tieghu Buis jghid illi l-appellant qallu biex iwarrab ghax kien hemm il-pulizija qed jarawh. L-appellant jghid illi ma kien jaf xejn x'kien qed jigri, anqas u anqas illi kien hemm xi droga involuta. Kien Mussa illi ghadda ghalih is-Sibt u l-Hadd, hadu Paceville, u waqt illi kienu hemmhekk qallu illi kellu jkun hemm persuna hdejn ir-roundabout hdejn il-Wembley Garage biex dan jghidlu jsegwih u jgibu hdejn il-karozza, kif fil-fatt ghamel. Il-parti attiva tal-appellant f'din il-vicenda tibda u tieqaf f'din ic-cirkostanzi u l-unika diskrepanza li hemm bejn ix-xhieda ta' Buis u l-appellant huwa dak id-diskors illi l-appellant qallu meta Buis gie vicin il-karozza misjuqa minn Mussa.

Hawnhekk il-Qorti tirrealizza illi kien hemm problema kbira ta' lingwa. It-tlett persuni b'mod tkellmu bl-Ingliz illi ma kinux jafu jew inkella kif jafuh huma, b'tali mod illi l-Qorti

ma tiskanta b'xejn illi Buis fehem haga ohra minn dak illi ried jghidlu l-appellant. Buis kien jaf illi qed jaghmel xi haga illegali u l-kelma "pulizija" jaf sew xi tfisser. Ghalhekk din il-Qorti ma tiskantax illi malli sema' dik il-kelma, Buis irreagixxa bl-aktar mod immedjat u semplici illi kien jaf u cioé illi jallontana ruhu minn hdejn dawk iz-zewg persuna biex imbaghad ta l-verzjoni tieghu ta' kif, skont hu, fehem dak illi qallu l-appellant. Però din il-Qorti ma jidhrilhiex illi f'dawn ic-cirkostanzi tista' serenament tasal ghall-konkluzjoni minghajr dubbju dettat mir-raguni illi kien hemm dak illi huwa maghruf bhala "a meeting of minds" bejn l-appellant u terzi sabiex tigi impurtata d-droga f'Malta. Veru illi bhala fatt din id-droga giet impurtata, però b'daqshekk ma jfissirx illi kien hemm kongura illi fiha kien involut l-appellant. Jista' jkun illi l-appellant kien fil-post hazin fil-hin hazin meta ghamel biss dak illi qallu Mussa minghajr ma kien jaf ir-retroxena. U ghalhekk jista' jaghti l-kaz illi l-verzjoni moghtija mill-appellant hija probabilment vera u jhalli d-dubbju f'mohh il-Qorti kemm seta' kien konxju b'dak illi kien qed jigri, wisq iktar kemm kellu l-intenzjoni illi jimporta d-droga.

Hawnhekk il-Qorti ssib illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-appellant assocja ruhu ma' persuna jew persuni ohra sabiex jimpurtaw jew jinnegozzjaw id-droga f'Malta. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza.

Rigward it-tieni akkuza, la l-appellant ma nstabx hati ta' assocjazzjoni, zgur illi ma jistax jinstab hati tal-attentat taghha peress illi din ma tezistix. Fi kwalunkwe kaz ma rrizultax mill-atti ghal xhiex ittanta jaghmel reat kontra l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi jew fejn hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat. U ghalhekk hawn ukoll il-Qorti mhiex issib htija fl-appellant.

Rigward it-tielet akkuza, dik ta' komplicità, l-istess argument ireggi. Ma rrizultax ta' xhiex l-appellant kien komplici. Il-komplicità hu delitt li l-ligi tghid kif dan jista' jsir skont id-dispost tal-artikolu 42 tal-Kap 9. Xejn minn dawn l-elementi ma rrizulta f'dan il-kaz. U ghalhekk hawn ukoll il-Qorti thoss illi ma ghandhiex issib htija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-erbgha u ghoxrin (24) tal-Lulju tal-elfejn u tnax (2012), tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tordna li jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------